



3.9.2020

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar l-istabbiliment ta' Mekkaniżmu tal-UE għad-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali
(2020/2072(INL))

Rapporteur għal opinjoni: Włodzimierz Cimoszewicz

(Inizjattiva – Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura)

PA_INL

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli:

- biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar li l-arkitettura tal-UE dwar l-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali ilha fi żvilupp kontinwu sa mill-ħolqien tal-Komunità Ewropea (KE) u ssaħħet kemm mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll b'emendi għal dik l-arkitettura bis-saħħa ta' trattati suċċessivi, u li, fil-preżent, l-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali ġew elevati mit-Trattat ta' Lisbona minn prinċipji komuni għal valuri fundaturi tal-Unjoni; jemmen bil-qawwa li dan il-proċess ta' żvilupp irid ikompli jiġi avanzat;
2. Ifakkar li l-UE kkodifikat fil-kriterji tal-adeżjoni tagħha li s-sħubija fl-UE tirrikjedi li l-pajjiż kandidat ikollu stabbiltà tal-istituzzjonijiet li jiggarrantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, ir-rispett għall-minoranzi u l-protezzjoni tagħhom;
3. Jinnota l-kontradizzjoni li, filwaqt li l-Istati Membri futuri huma eżaminati bir-reqqa qabel ma jaderixxu mal-Unjoni għall-konformità tagħhom ma' dawk il-valuri tal-UE, ikkodifikati fil-kriterji tal-adeżjoni, l-UE hija nieqsa mill-għodod effettivi biex tinforza r-rispett għal dawk il-prinċipji fundamentali ladarba jkunu saru Stati Membri;
4. Jenfasizza li n-nuqqas ta' mekkaniżmi ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u superviżjoni għall-prinċipji fundaturi legali tal-UE ma jikkostitwixxix problema jekk l-Istati Membri jirrispettaw dawk il-prinċipji wara l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea;
5. Iqis li s-sitwazzjoni fir-rigward tal-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali ddeterjorat sostanzjalment f'għadd ta' Stati Membri, ħaġa li hija ta' dispjaċir kbir; jiddeplora l-fatt li l-pandemija tal-COVID-19 intużat ukoll f'uħud mill-Istati Membri biex ikompli jillimitaw id-drittijiet taċ-ċittadini u l-libertajiet fundamentali kif inkorporati fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali; jenfasizza l-ħtieġa għal monitoraġġ kontinwu ta' kwalunkwe miżura bħal din bil-ħsieb li dawn il-miżuri jitreggħu lura jew jitwaqqfu ladarba ma jibqgħux strettament meħtieġa sabiex tiġi ppreservata s-saħħa pubblika;
6. Jenfasizza li l-istat tad-dritt huwa intrinsikament marbut mar-rispett għad-demokrazija u għad-drittijiet fundamentali u li għalhekk it-tliet prinċipji jridu jiġu mmonitorjati b'mod konġunt;
7. Jissottolinja li l-Unjoni hija bbażata fuq sett ta' prinċipji komuni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, u d-drittijiet fundamentali, kif minqaxa fl-Artikolu 2 tat-TUE; jemmen bil-qawwa li hemm bżonn ta' mekkaniżmu ta' monitoraġġ li jkopri bis-sħiħ l-Artikolu 2 tat-TUE u ma joħloqx ġerarkija ta' valuri, iżda jinkludi l-valuri kollha tal-Unjoni, u jiżgura li dawn jiġu vvalutati kif xieraq; jirrimarka b'mod partikolari l-importanza tal-promozzjoni u d-difiża tal-istat tad-dritt li huwa valur ċentrali tal-Unjoni, li hija komunità bbażata fuq id-dritt, u l-obbligu tal-Istati Membri li jiżguraw protezzjoni ġudizzjarja effettiva;
8. Ifakkar li l-UE għad m'għandha l-ebda mekkaniżmu effettiv biex timmonitorja, tipprevjeni u ttemm it-theddid sistemiku għall-valuri tal-UE fl-Istati Membri; jinnota f'dan ir-

rigward il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tishiĥ ulterjuri tal-Istat tad-Dritt fl-Unjoni u l-azzjonijiet stabbiliti fiha; jistieden lill-Kummissjoni timplimenta l-qafas propost dwar l-istat tad-dritt mingħajr dewmien bla bżonn; iqis li hija meħtieġa riflessjoni dwar kif għandhom jiġu stabbiliti sanzjonijiet futuri li jistgħu jkunu effettivi, dissważivi u proporzjonati;

9. Jissottolinja l-importanza li jiffassal mekkaniżmu oġġettiv u bbażat fuq l-evidenza li jivvaluta d-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għal-libertajiet fundamentali b'mod ġust u imparzjali; jirrikonoxxi li l-istabbiliment ta' tali mekkaniżmu jrid ikun marbut mat-tishiĥ tal-funzjonament demokratiku fl-Unjoni; jiddispjaċi li talbiet preċedenti għal dialoġu ma' gvernijiet partikolari wasslu biss għal soluzzjonijiet limitati;

10. Ifakkar li l-adeżjoni tal-Unjoni mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali hija obbligu legali skont l-Artikolu 6(2) tat-TUE; itenni l-ħtieġa għal konklużjoni rapida ta' dak il-proċess ta' adeżjoni sabiex jiġi żgurat qafas konsistenti għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ewropa kollha u biex tissaħħaħ aktar il-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali fi ħdan l-UE; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni iżjed l-isforzi biex timplimenta t-Trattati u tikkonkludi n-negozjati mingħajr dewmien bla bżonn;

11. Jinsisti li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jipprattikaw kooperazzjoni sinċiera reċiproka f'konformità mal-Artikolu 13(2) tat-TUE u għalhekk ilkoll għandhom jikkontribwixxu, mingħajr preġudizzju politiku, għad-difiża tal-valuri tal-Unjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fit-Trattati; jitlob li dawn l-attivitajiet ikunu regolati minn ftehim interistituzzjonali u li l-mekkaniżmi eżistenti jiġu kkonsolidati, filwaqt li jiġu stabbiliti rapporti annwali tas-sitwazzjonijiet fl-Istati Membri kollha bbażati fuq il-valutazzjoni ta' panel ta' esperti indipendenti, u li jiġu ddeterminati azzjonijiet preventivi u korrettivi;

12. Jemmen li għall-implimentazzjoni effettiva, f'konformità mal-Artikolu 295 tat-TFUE, il-Ftehim Interistituzzjonali futur dwar it-Tishiĥ tal-Valuri tal-Unjoni għandu jstabbilixxi wkoll proċeduri ċari għall-koordinazzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet f'dan il-qasam; jinnota li l-ħolqien bla bżonn ta' strutturi ġodda jew id-duplikazzjoni għandhom jiġu evitati, u l-integrazzjoni u l-inkorporazzjoni tal-istrumenti eżistenti għandha tkun l-alternattiva ppreferuta;

13. Jenfasizza l-ħtieġa ta' sistema ta' monitoraġġ li ssegwi mill-qrib is-sitwazzjonijiet fl-Istati Membri kollha; jitlob l-inklużjoni ta' dibattitu dwar il-konklużjonijiet tar-rapport annwali fil-Kunsill u f'konferenza interparlamentari organizzata mill-Parlament f'Ċiklu ta' Monitoraġġ Annwali;

14. Jinsisti li ċ-Ċiklu ta' Monitoraġġ Annwali għandu jkun regolat fl-istadji kollha tiegħu mill-prinċipji tat-trasparenza, l-imparzjalità u l-ugwaljanza bejn l-Istati Membri, ikun ibbażat fuq evidenza oġġettiva, indikaturi u kriterji li jistgħu jitkejlu, ikun protett minn kwalunkwe strateġija ta' diżinformazzjoni malizzjuża, u jwassal għal miżuri effettivi u realistiċi, bħall-proċeduri ta' ksur jew sanzjonijiet fejn relevanti;

15. Jenfasizza li l-Kunsill tal-Ewropa għandu rwol kruċjali fil-monitoraġġ tar-rispett tad-demokrazija, id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt fl-Ewropa; jinsisti, għalhekk, li l-konsultazzjonijiet mal-Kunsill u qabel kolloxx mal-Kummissjoni ta' Venezja għandhom isiru fuq bażi regolari u li l-valutazzjoni tagħhom għandha tinforma l-evalwazzjonijiet u r-

rakkomandazzjonijiet tal-mekkaniżmu l-ġdid ta' monitoraġġ konġunt.

16. Ifakkar li filwaqt li fil-qafas legali tal-UE l-istat tad-dritt jissemma b'mod espliċitu b'ħala valur li huwa komuni għall-UE u l-Istati Membri tagħha (l-Artikolu 2 tat-TUE), it-Trattati tal-UE ma jipprovdux definizzjoni tal-kunċett; jirrimarka li l-istat tad-dritt huwa kunċett kumpless u f'ħafna aspetti vag, u għalhekk it-twaqqif taċ-Ċiklu ta' Monitoraġġ Annwali jkun jeħtieġ konsensus dwar il-prinċipji tal-istat tad-dritt komuni għall-Istati Membri kollha; iqis li l-minimu strett tat-tifsira tal-istat tad-dritt huwa sistema fejn il-liġijiet jiġu applikati u infurzati u li fid-definizzjoni tal-kunċett il-Kummissjoni għandha tuża definizzjoni wiesgħa, ibbażata fuq il-prinċipji stabbiliti fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll il-kunċetti u l-prinċipji stabbiliti fil-lista ta' kontroll tal-Istat tad-Dritt tal-Kummissjoni ta' Venezja;

17. Jemmen li kemm fil-proċess ta' stabbiliment tal-Ftehim Interistituzzjonali kif ukoll fl-operazzjoni taċ-Ċiklu ta' Monitoraġġ Annwali, l-istituzzjonijiet għandhom, f'konformità mal-Artikolu 11 tat-TUE, iżommu djalogu miftuħ ma' rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u l-partijiet ikkonċernati, u l-fehmiet u l-kontributi tagħhom għandhom isiru pubbliċi u jiġu inklużi fir-rapporti annwali; iċ-Ċiklu ta' Monitoraġġ Annwali għandu għalhekk jipprevedi konsultazzjonijiet regolari u miftuħa mas-soċjetà ċivili organizzata fl-istadji kollha taċ-Ċiklu ta' Monitoraġġ Annwali; jissuġġerixxi li istituzzjonijiet, korpi u aġenziji oħra tal-UE, organizzazzjonijiet internazzjonali, networks u assoċjazzjonijiet ġudizzjarji, akkademiċi u gruppi ta' riflessjoni, kif ukoll parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri, għandhom jikkontribwixxu bl-input tagħhom, fejn rilevanti;

18. Jirrimarka li fil-każ tar-Rumanija u l-Bulgarija ġie stabbilit Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika (MKV) meta ssieħbu fl-UE fl-1 ta' Jannar 2007 bħala miżura tranżitorja biex tgħin liż-żewġ pajjiżi jirrimedjaw in-nuqqasijiet fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja, il-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata u li 13-il sena wara l-adeżjoni tagħhom, il-mekkaniżmu għadu jiġi applikat fil-każ taż-żewġ pajjiżi; iqis li iċ-Ċiklu ta' Monitoraġġ Annwali, li mbagħad japplika bl-istess mod għall-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea, għandu jissostitwixxi l-MKV; iqis li l-punti ta' riferiment stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea biex tivvaluta l-progress fil-MKV jistgħu jintużaw fil-qafas taċ-Ċiklu ta' Monitoraġġ Annwali;

19. Jirrikonoxxi li fiċ-Ċiklu ta' Monitoraġġ Annwali, l-Istati Membri għandhom jingħataw l-opportunità li jippreżentaw il-pożizzjonijiet tagħhom b'mod sħiħ, fir-rigward tal-ugwaljanza tal-Istati Membri kollha filwaqt li ma jfixklux l-effiċjenza tal-proċedura; jissottolinja l-importanza ta' approċċ attiv u responsabbli min-naħa tal-Istati Membri għaċ-Ċiklu ta' Monitoraġġ Annwali;

20. Jenfasizza li kwalunkwe mekkaniżmu mhuwiex komplut mingħajr inċentivi pożittivi bħal finanzjament konkret biex jiġu appoġġjati l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu biex javvanzaw id-drittijiet fundamentali, l-istat tad-dritt u l-prinċipji demokratiċi; jenfasizza, għalhekk, li sabiex jiġi żgurat suċċess fid-difiża tal-valuri tal-UE, għandu jiġi stabbilit appoġġ finanzjarju xieraq għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jiddefendu d-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak reġjonali, kif previst fil-proposta għar-Regolament dwar il-programm dwar id-Drittijiet u l-Valuri, u li għandu jingħata appoġġ ġenerali lill-individwi li jirrapportaw każijiet ta' ksur tal-valuri tal-

UE; jenfasizza l-importanza li tiġi rispettata l-Fergħa tal-Valuri tal-Unjoni fil-programm dwar id-Drittijiet u l-Valuri fil-QFP 2021-2027;

21. Jinsisti li ċ-Ċiklu ta' Monitoraġġ Annwali jkun integrat għalkollox mar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri¹, u b'hekk dan jorbot it-trasferimenti baġitarji mar-riżultati tal-proċess ta' monitoraġġ, filwaqt li jipproteġi l-interessi leġittimi tar-riċevituri u l-benefiċjarji finali tal-fondi tal-Unjoni; iqis li huwa neċessarju li dak ir-Regolament jinkludi kriterji u indikaturi li jkunu dettaljati biżżejjed u li jistgħu jitkejlu, biex ikun jista' jiġi vvalutat il-ksur tal-istat tad-dritt u jiġu attivati s-sanzjonijiet;

22. Iqis li l-valutazzjonijiet imwettqa fil-kuntest taċ-Ċiklu ta' Monitoraġġ Annwali għandhom iservu ta' informazzjoni għad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, inkluż li jagħtu rakkomandazzjonijiet dwar jekk għandhomx jinbdew proċeduri ta' ksur sistemiku; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ mis-setgħa tagħha f'dan ir-rigward;

23. Jissottolinja, barra minn hekk, li filwaqt li dewmien konsiderevoli fl-għoti ta' sentenzi, b'mod partikolari f'każijiet relatati tal-istat tad-dritt, jista' jirriżulta fi ħsara irriversibbli u gravi kkawżata minn rigress tal-istat tad-dritt, għandha tingħata aktar kunsiderazzjoni lit-tisħiħ tal-potenzjal u r-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fid-difiża tal-istat tad-dritt; iqis li alternattiva bħal din tista' tkun li tiġi prevista proċedura aċċelerata fil-każijiet kollha bħal dawn, filwaqt li jiġi applikat b'mod sistematiku provvedimenti provviżorju; jistieden lill-Kummissjoni titlob b'mod sistematiku lill-Qorti tikkonċedi miżuri provviżorji skont l-Artikolu 279 tat-TFUE fil-każijiet urġenti relatati mal-valuri tal-Unjoni, b'mod partikolari fejn in-nuqqas ta' tali miżuri aktarx li jikkawża ħsara irreparabbli liċ-ċittadini tal-UE jew lill-ordni ġuridiku tal-UE, u tressaq talbiet li jfittxu li tiġi imposta multa f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità mal-miżuri interim skont l-Artikolu 260 tat-TFUE;

24. Jinsisti li, flimkien maċ-ċiklu annwali, f'każijiet eċċezzjonali speċifiċi għustifikati mill-gravità tal-konsegwenzi possibbli tal-ksur fil-konfront tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali u l-iskala tal-effetti tagħhom, għandu jkun possibbli li l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jitolbu lill-Kummissjoni tabbozza rapport urġenti dwar is-sitwazzjoni;

25. Jenfasizza li l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa tipprovdi momentum biex tinftiehem aħjar il-ħtieġa li jiġu protetti u indirizzati l-valuri fundaturi tal-Unjoni fi kriżi u għalhekk tista' tipprovdi l-opportunità li jiġi diskuss jekk fit-Trattati għandux jiġi inkorporat proċess għall-infurzar aktar operattiv tagħhom; jissottolinja li l-Konferenza se tagħti spinta għida lid-diskussjoni Ewropea dwar it-tisħiħ tad-demokrazija Ewropea;

26. Jipproponi li l-effikaċja tal-Artikolu 7 tissaħħaħ billi tiġi żgurata l-preżenza tal-Parlament fis-seduti ta' smiġħ skont l-Artikolu 7, u fil-każ li jsiru bidliet fit-Trattati fil-futur, billi jitneħħa r-rekwiżit għall-unanimità u jissaħħaħ il-mekkaniżmu ta' sanzjoni;

27. Jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tissaħħaħ bl-introduzzjoni ta' strument ta' lment individwali għaċ-ċittadini; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi stabbilit mekkaniżmu għall-

¹ Il-proposta għal Regolament dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri - COM(2018) 324(final).

arbitraġġ ta' kwistjonijiet kostituzzjonali; jipproponi li dawn is-suġġetti jiġu diskussi matul il-Konferenza li jmiss dwar il-Futur tal-Ewropa;

28. Jappella għar-reviżjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 dwar l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, bil-ħsieb li jissaħħu l-mandat ta' dik l-Aġenzija u l-kapaċità tagħha li taġixxi biex tiddefendi l-valuri minqax fl-Artikolu 2 tat-TUE, u biex tagħti opinjonijiet mhux vinkolanti dwar abbozzi ta' leġislazzjoni tal-UE fuq inizjattiva tagħha stess, u biex tippromwovi konsultazzjonijiet sistematiċi mal-Aġenzija.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	1.9.2020
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 22 -: 5 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Gerolf Annemans, Gabriele Bischoff, Damian Boeselager, Fabio Massimo Castaldo, Włodzimierz Cimoszewicz, Gwendoline Delbos-Corfield, Daniel Freund, Charles Goerens, Esteban González Pons, Brice Hortefeux, Laura Huhtasaari, Giuliano Pisapia, Paulo Rangel, Antonio Maria Rinaldi, Domènec Ruiz Devesa, Jacek Saryusz-Wolski, Helmut Scholz, Pedro Silva Pereira, Antonio Tajani, László Trócsányi, Mihai Tudose, Loránt Vincze, Rainer Wieland
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Gilles Boyer, Jorge Buxadé Villalba, Cristian Ghinea, Maite Pagazaurtundúa, Nikolaj Villumsen

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

22	+
GUE/NGL	Helmut Scholz, Nikolaj Villumsen
NI	Fabio Massimo Castaldo
PPE	Esteban González Pons, Brice Hortefeux, Paulo Rangel, Antonio Tajani, Loránt Vincze, Rainer Wieland
RENEW	Gilles Boyer, Cristian Ghinea, Charles Goerens, Maite Pagazaurtundúa
S&D	Gabriele Bischoff, Włodzimierz Cimoszewicz, Giuliano Pisapia, Domènec Ruiz Devesa, Pedro Silva Pereira, Mihai Tudose
VERTS/ALE	Damian Boeselager, Gwendoline Delbos Corfield, Daniel Freund

5	-
ECR	Jorge Buxadé Villalba, Jacek Saryusz Wolski
ID	Gerolf Annemans, Laura Huhtasaari, Antonio Maria Rinaldi

1	0
PPE	László Trócsányi

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni